SAN PAWL IL-BAĦAR

## MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BURMARRAD (KAB)

### SEDUTA NRU. 10 – IT-TLIETA, 16 TA' ĠUNJU 2015

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċini tal-Kunsill Lokali fi Triq San Pawl fis-17:43pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Simone Aquilina | *Chairperson* |
| | George Zahra | Membru |
| | Rodney Galea | Membru |
| | Paul Gatt | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Assenti: | Michael Borg Olivier | Viċi *Chairperson* |
| | Lara Piscopo | Membru |

**1. BIDU TAL-LAQGĦA/QUORUM**

1.1. Fil-17:30, il-ħin li ssejħet il-laqgħa, kienu waslu biss is-Sinj. Aquilina u s-Sur Zahra. Għalhekk il-laqgħa ma setgħetx tibda minħabba nuqqas ta' quorum.

1.2. Il-laqgħa bdiet fis-17:43 kif wasal is-Sur Galea.

**2. INTRODUZZJONI MILL-AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

2.1. Minħabba li kienet l-ewwel laqgħa tiegħu mal-Kumitat Amministrattiv, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv (SE), is-Sur Paul Gatt, introduċa lilu nnifsu mal-membri preżenti.

2.2. Huwa informa li fl-aħħar jiem innota li l-KAB kien qiegħed jitgħabba b'kull tip ta' spejjeż li qed jispiċċa bi żbilanċ finanzjarju. Huwa informa li l-iskop tal-Kumitati Amministrattivi kien biex ikun hemm tqassim ekwu tal-fondi maż-żoni kollha tal-lokalitajiet. Huwa spjega kif mill-allokazzjoni għandhom jitnaqqsu ċertu ammonti li qed iservu għal kuntratti iżda imbagħad jibqa' ammonti li għandhom jintużaw għal proġetti li l-Kumitat ikun jixtieq jagħmel.

2.3. Iċ-*Chairperson* infurmat li l-Kunsill Lokali kien wiegħed li jiffinanzja xogħlijiet għall-ammont ta' €30,000 iżda wara rtira mid-deċiżjoni tiegħu u għalhekk il-KAB tgħabba b'piż finanzjarju li ma kienx qiegħed jantiċipa.

2.4. Issemmiet it-tabella ta' St James Hospital fejn Scotts Supermarket u ntqal li dan suppost kien qiegħed ħallas €400 biex ikun jista' jinstallaha.

2.5. Issemmiet ukoll il-possibiltà li jkun hemm sponsor għall-ġonna. Iċ-Chairperson possibilment se tipprova tindaga dwar din il-possibiltà.

2.6. Issemmiet ix-xewqa tal-Kumitat li tkun devoluta art f'Burmarrad għall-użu ta' *playground*. L-Aġent SE kien mitlub jindaga jekk kienx possibli li tkun devoluta l-art jew parti minnha.

**3. KMAMAR F'BURMARRAD LI JISTGĦU JIĠU UTILIZZATI MILL-KAB**

3.1. Is-Sinj. Aquilina infurmat li hemm kmamar fid-Dar l-Umanità li jistgħu jintużaw mill-Kumitat. Hija saħqet li huwa bżonn li l-Kumitat ikollu kamra fejn jista' anki jagħmel laqgħat meta jkun hemm bżonn.

3.2. Il-Kumitat qabel li ċ-Chairperson għandha tiddiskuti mal-Kunsill biex possibilment waħda mill-kmamar tgħaddi għand il-Kumitat.

## 4. ĊAQLIEQ TA' TRAFFIC LIGHTS MINN ĦDEJN SCOTTS SUPERMARKET

4.1. Iċ-Chairperson semmiet il-problema li qed ikun hemm fejn Scotts Supermarket speċjalment meta wieħed jiġi biex joħroġ għal fuq il-*main road*. Dan japplika l-aktar fil-*peak hours* bejn is-6:30am u d-9:30am u bejn l-4pm u s-6pm. Ikun hemm problema wkoll ġieli aktar kmieni wara nofsinhar minħabba l-iskola li hemm fil-Wardija. Għalhekk iċ-Chairperson issuġeriet li l-pelican crossings ta' fejn Scotts ikunu spustjati għall-fejn il-ħruġ mill-Wardija filwaqt li jsiru bit-timer biex b'hekk f'ħinijiet, waqt il-ħinijiet indikati, wieħed ikollu ċ-ċans li joħroġ mingħajr ma jissogra ħajtu.

4.2. Is-Sur Galea semma problema oħra li qed ikun hemm hija minħabba l-vetturi li jissupplixxu Scotts Supermarket. Huwa ppropona li l-ewwel issir laqgħa mal-managament tas-supermarket bil-għan li ma jibqax isir ipparkjar bl-addoċċ jekk ma jkunx hemm rispons tajjeb issir talba biex titwal is-*centre strip.*

4.3. Sadanittant issemmew sinjali sofor li ma reġgħux saru wara li sar xogħol mill-Vodafone. Issemma wkoll il-bżonn li jkunu mmarkati mill-ġdid is-sinjali sofor li m'għadhomx jidhru ħafna minħabba problemi ta' pparkjar mit-tiġijiet.

## 5. FONDI EWROPEJ GĦAL ATTIVITAJIET TA' YOUTH EXCHANGES

5.1. Iċ-Chairperson infurmat li hemm opportunitajiet li jkunu organizzati attivitajiet u skambji taż-żgħażagħ.

5.2. Għal dan il-għan kien hemm qbil li ċ-Chairperson titkellem mal-EUPA biex tikseb aktar informazzjoni.

## 6. ĦWEJJEĠ OĦRA

6.1. Tressaq ilment li allegatament ċertu Maurice Meli Bugeja qed jitfa' żibel fl-għalqa.

6.2. Iċ-Chairperson infurmat li l-Kunsill kien iddeċieda li jerġgħu jitpoġġew il-Bring in sites fejn u kif kienu qabel.

6.3. Tressaq ilment li l-ġbir tal-iskart mhux qed ikun regolari.

6.4. Issemma ħajt fi Triq tal-Wardija ħdejn il-parkeġġ fejn Scotts Supermarket. Il-Kumitat qabel li għandu jitbaxxa u li dan kellu jsir mill-Kunsill.

## 7. DATA GĦAL-LAQGĦA LI JMISSI

7.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar It-Tlieta 28 ta' Lulju, 2015 għal-5:30pm.

7.2. Il-laqgħa ntemmet fis-18:45pm.

Simone Aquilina
**Chairperson**

Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM
**Segretarju Eżekuttiv**